MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

**6 ta' Settembu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Sephora Cutajar - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello u Francis Pullicino.

**4.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

4.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija.  Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

4.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra waħda ta' apoloġija, mingħand il-Kunsillier is-Sa. Sephora Cutajar li kienet tinsab indisposta.  Kulħadd aċċetta din l-apoloġija.

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

4.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 3 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

4.2.2 Kien hemm korrezzjoni waħda – (item 3.3.2) fejn kien hemm *typo* fejn flok 50 ktieb issemmew 650 ktieb.  Il-korrezzjoni saret dak il-ħin stess.

4.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar, il-minuti tal-laqgħa numru 3 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

4.2.3 *Matters arising:*

4.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri talab illi meta jinkitbu l-minuti tal-*matters arising*, issir referenza aktar ċara fuq liema item inkunu qed nitkellmu dwaru u min ikun qajjem is-suġġett.  Is-Segretarju Eżekuttiv ma kellux oġġezzjoni dwar dan.

4.2.5 Rigward 3.4.3. (Marie Claire Zammit Bonello), l-istess kunsilliera rraportat li kellna żewġ laqgħat fuq dawn il-*parking sensors* u ġibna stima.  Biex isiru *parking sensors* fi Triq Tumas Fenech u madwar il-knisja l-ispiża telgħet għal 12,000euro u jkun hemm *maintenance fee* ta' 2000euro fis-sena.  Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li jekk ma nġibux fondi minn x'imkien, mhux possibli li jsiru.  Hija skema tajba imma għadha għolja.

4.2.6 Rigward 3.4.4 (Antoine Attard), l-istess kunsillier saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-TUK TUK.  Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma kienet semgħet xejn u talbet lis-Segretarju jikteb lis-Segretarjat ta' l-anzjanita'.

4.2.7 Rigward 3.2.5 (Marie Claire Zammit Bonello), l-istess kunsilliera saqsiet konniex ħadna appuntament ma' TM dwar it-*traffic management* f'Ta' Paris.  Is-Sindku qalet li sa issa ma tawniex pero' ħa nerġgħu nippruvaw.

4.2.8 Rigward 3.2.7 (Antoine Attard), l-istess kunsillier qal illi dwar id-devoluzzjoni tal-mitħna ta' l-Imrieħel, hu tkellem mad-diretturi tal-Gvern Lokali u talbu li nagħtuhom priorita' b'liema devoluzzjoni rridu nibdew.  Is-Sindku qalet li għandna ntuha tnejn mhux waħda u għandna nitolbu l-mitħna ta' Ganu wkoll.  Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi billi l-kunsill mhux f'qagħda finanzjarja tajba, talab għajnuna mill-konsulenti tal-Unjoni Ewopea tar-reġjun.  Is-Sindku qalet li l-importanti li l-proġett jitmexxa mill-Kunsill mhux mir-reġjun.  Hawnekk żvolġiet diskussjoni kif jistgħu jibdew jintużaw dawn il-postijiet.  Is-Sur Attard qal illi hu jara dawn il-binjiet bħala spazju kulturali, waqt li l-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal li jistgħu isiru parti minn *heritage trail* turistika.

**4.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq każ fejn il-Kunsill ġie rrapurtat lill-*ombudsman* fuq persuna li talbet kumpens ghaliex qattgħet tajer (90euro). Il-Kunsill reġa rriaferma l-posizzjoni tiegħu li ma jħallasx għal dawn it-talbiet għax jinħoloq precedent. Iħallas biss jekk ikun ordnat mill-Qorti wara li jkun ġie evalwat il-każ sħiħ u fid-dettall.

4.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li sar dwar il-perit fuq l-użu tat-tariffa K. Ir-rapport imressaq u mħejji mill-*accountant* tal-Kunsill u l-eks Direttur tal-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud rrakomanda biex il-Kunsill jaċċetta din it-tariffa imma jasal bi ftehim mal-perit biex dan jitħallas ftit ftit. Il-Kunsill ħa jimxi ma' din ir-rakkomadazzjoni pero jista' jfittex periti ġodda biex jaħdmu fuq proġetti ġodda.

**4.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

4.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar qal illi hemm spazju fl-iskola Ta' Paris lejn Triq l-Imsida li jista' jiġi utilizzat bħala parkeġġ filgħaxijiet u talab lis-Segretarju jitkellem mas-Surmast.

4.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi jaf b'kumpanija Taljana li lesta tinvesti l-flus u tagħmel parkeġġ, madankollu ma kienx hemm qbil dwar x'art tista' tingħata. Is-Sindku talbet lis-Segretarju jikteb lil *Projects Malta* u nagħtuhom l-informazzjoni dwar din il-kumpanija.

4.4.3 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi ta rendikont ta' numru ta' korsijiet u kompetizzjonijet relatati mal-logħba taċ-ċess.

4.4.4 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi staqsa jekk it-*tennis club* jaqax fil-konfini tagħna peress li talab id-dawl fl-entratura. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li qabel ma niddiskutu x-xewqa tal-klabb irridu naraw il-klabb x'qiegħed joffri lit-tfal Karkariżi u qalet lis-Sur Mizzi biex jorganizza laqgħa mal-klabb.

4.4.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar staqsa jekk bdejniex nagħlqu xi kontijiet tal-banek kif tkellimna l-aħħar darba. Is-Segretarju qal li kien ressaq talba lid-dipartiment biex l-allokazzjoni tibda tidħol fil-kont tal-BOV biex imbagħad l-attivita' fl-hsbc tonqos waħedha u eventwalment jingħalqu.

4.4.6 Il-Kunsilliera s-Sa. Deborah Mifsud qalet li fejn neħħejna l-iskips ħodor fi Triq Paris qed ikun hemm abbużi u talbet biex isiru tabelli li min jinqabad jarmi hemm jaqla' multa.

4.4.7 Il-Kunsilliera s-Sa. Deborah Mifsud talbet biex nibdew nduru l-bankijiet li hemm fis-*soft areas*. Is-Segretarju qal li ftiehem mal-*Fondation for Tourism Development Zone* biex nixtru l-materjal u l-ħaddiema tagħhom jiżbgħu u jduru numru ta' bankijiet.

4.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi xi ħaġa li tweġġgħu hi n-nuqqas ta' aċċessibilta' tal-bankini fejn ikunu qed isiru binjiet ġodda u qal li rrapporta kemm –il darba lill-*Building Regulations Office*. Huwa appella lil kulħadd biex jagħmel l-istess ħalli nkunu effettivi.

4.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi wasal iż-żmien li bħala Kunsill nibdew noħorġu xi *flyer* biex nispjegaw lin-nies x'ikun qed jagħmel il-Kunsill. Mhux *magazine* kbir imma xi *flyer* żgħir.

4.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri fakkar lil kulħadd biex issa la tibda x-xita, naraw illi jsir it-tindif tal-*culverts* u fejn hemm nuqqas ta' *culverts* tajjeb li naraw kif jistgħu isiru. Huwa semma b'mod speċjali triq il-Knisja l-Qadima li minnha jgħaddu ammonti kbar ta' ilmijiet. Is-Sindku qalet li t-tindif beda imma *culverts* ġodda jridu jsiru mill-gvern għax mhux sempliċi biex isiru għax trid tara ma' xhiex se tqabbadhom.

4.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi għandu jkollna preżenza fuq BKR Radio biex il-poplu Karkariż ikun jaf x'qed jiġri mill-Kunsill u l-Kunsill għandu jikteb lil BKR Radio biex jinħoloq xi tip ta' *roster*. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal li diġa beda kuntatt mal-*Foundation for Social Welfare* u l-Appoġġ fejn se jsir xogħol konġunt bejna u huma.

4.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li xtaq jirringrazzja l-istaff tal-Kunsill u lill-kuntratturi ta' l-indafa, peress li kellna festa ta' suċċess u dejjem żammejna livell għoli ta' ndafa.

4.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal illi *Main Street* hemm bżonn isirilha xi ħaġa għax qed tisfronda kollha. Is-Sindku qalet li taf bil-problema imma dan jinvolvi proġett maġġuri fejn irid jinbidel id-drenaġġ kollu u jsir xogħol estensiv. Hija se tkun qed titlob l-għajnuna tal-ministru ta' l-infrastruttura għax tali xogħol mhux possibli jsir mill-kunsill. Idealment isir kullimkien *tarmac* ikkulurit barra l-pjazza fejn isir xi madum ieħor.

4.4.15 Il-Kunsilliera s-Sa. Nancy Aquilina qalet illi billi se tibda l-*pride week* xtaqet illi nagħmlu xi ħaġa aħna wkoll bħala kunsill jew *zebra crossing* ikkulurita, jew xi dawl. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar issuġerixxa illi naqilbu kull kulur id-dawl ma' *Fleur de Lys Gate*. L-ideja ntogħġbot u se ssir. Se nitkellmu wkoll ma' TM dwar iż-*zebra crossings* kkuluriti.

**4.5 Ftehim Ġnien John Borg**

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sal-lum, min qed imexxi l-kjosk ta' Ġnien John Borg (Akram Elnaib) kien rebaħ il-konċessjoni bil-prezz ta' 51 euro kuljum. Hu jista' jdaħħal flus mill-kiri tal-grawnd ukoll. Issa din il-persuna qed tgħid li mhux possibbli tkompli b'dan il-prezz. Qed jiġi suġġerit illi nilħqu ftehim mas-sur Elnaib sabiex innaqsulu l-kera bin-nofs imma l-kunsill jieħu lura l-grawnd biex jiftħu għar-residenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta pero' se jitwaqqaf kumitat biex nevalwaw kif l-aħjar nibdew niftħu u nagħlqu l-grawnd eċċ.

**4.6 *Innovation – Community Centre***

4.6.1 Rigward dan il-proġett, peress illi l-bini oriġinali li konna se nużaw hemm problemi kbar, ġie identifikat sit ieħor li jiġi faċċata ta' fejn ġej il-mużew tal-ferrovija fejn hemm il-latrini mbarrati. Peress li l-pjanti kien għamilhom oriġinarjament il-perit Joe Bugeja, ġie deċiż li nkomplu miegħu b'rata ta' 4.6%. Se ssir laqgħa mal-perit Bugeja biex naraw kif se nkomplu.

**4.7 Ġemellaġġi**

4.7.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino rrapporta illi kemm Quartu Sant'Elena kif ukoll Castel Maggiore huma interessati f'ġemellaġġ u għalhekk kien se jiltaqa' mas-Segretarju biex jibda l-proċess b'mod formali peress illi rridu l-approvazzjoni mid-dipartiment. Is-Sindku s-Sa. Joanne

Debono Grech qalet illi isir xi jsir irridu ninvolvu lill-għaqdiet tar-raħal biex ikollhom rappreżentanza wkoll.

**4.8 Skips ħodor**

4.8.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li qabel kienet favur l-iskips il-ħodor imma issa qed tbiddel fehmtha għax qed jiġu ħafna nies minn barra Birkirkara li jabbużaw bihom. Hija ssuġġeriet illi dawn jitneħħew u minn fejn nibdew inneħħu, niftehmu ma' xi ħadd (LESA, Pulizija jew ERA) biex jinħarġu l-multi. Filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni, se jissejħu numru ta' laqgħat mal-forzi ta' l-ordni biex naraw kif se naħdmu, anke jekk inħallsu extra għas-servizz.

**4.9 Spejjeż ta' kommunikazzjoni relatati ma' *cctv cameras***

4.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex inqabbdu l-cameras li għandna fil-ġonna u fuq il-bring in sites ma' l-uffiċċju, il-kumpanija tal-*internet* qed titlobna 25euro kull xahar. Imma nkunu qed niffrankaw ħafna ġiri u nkunu iktar effiċjenti. Dan kien l-irħas prezz li stajna nsibu u prezz speċjali. Il-Kunsill approva din l-ispiża b'mod unanimu u se jinbeda l-proċess.

**4.10 Staff tal-Kunsill**

4.10.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri taha l-ittra tar-riżenja u se jibda jaħdem in-*notice* tiegħu. Hi qalet li lis-Sur Spiteri tixtieq taħtru aġent billi hawnhekk hawn volum qawwi ta' xogħol u mhux lakemm issib segretarju ġdid li jitgħallem mall-ewwel. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.10.2 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet illi rridu niftħu żewġ vakanzi għal żewġ persuni li jservu ta' *part time council attendants*. Dan biex tiġi *replaced* persuna mill-istaff li telqet u sabiex nibdew nibnu l-istaff għal meta xi nies se joħorġu bil-pensjoni s-sena d-dieħla. Ma kienx hemm oġġezzjoni u se jintalab il-kunsens tal-*jobsplus*. Is-Sindku qalet li l-ewwel l-istaff jidħol *part time* ħa naraw jiflaħx għall-piż.

4.10.3 Is-Sindku qalet li bħala Bord ta' l-Għażla tas-Segretarju u tat-tnejn staff, se taħtar lill-Eks Direttur is-Sur Adrian Mifsud biex imexxi l-proċess u jirrapporta lura.

**4.11 Offerta Tiswija ta' kompjuters**

4.11.1 Wara li l-aħħar laqgħa tkellimna dwar offerta ta' tiswija ta' kompjuters għar-residenti Karkariżi, kien hemm tliet kumpanija li wrew interess. Techpoint bil-prezz ta' 4700 euro exc VAT, the Notebook Centre għall-prezz ta' 4995euro u DIX computer għal 25 euro kull kompjuter. Il-bord ta' evalwazzjoni rrakomanda lil Techpoint. Ma kienx hemm oġġezzjoni u ħa jiġi ffirmat il-ftehim.

**4.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/8 u *petty cash***

4.12.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Karl Cutajar u approvati nem. con.

4.12.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 3/8. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar u l-Kunsilliera s-Sa. Rita Borġ. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**4.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

4.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 2 ta' Ottubru fis-6pm.

Konfermati, illum 2 ta' Ottubru 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |